MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 14/2009

**Edward Zammit Maempel (I.D. Nru. 349568 (M)) u Cynthia Zammit Maempel (I.D. Nru. 504565 (M))**

**vs**

**L-Awtorita` tad-Djar, Jesmond u Carmen konjugi Abela, u b'digriet tat-23 ta' Frar, 2010, l-Avukat Generali gie awtorizzat jintervjeni f'din il-kawza *in statu et terminis***

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fl-ismijiet fuq indikati datat id-9 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti esponew sintetikament is-segwenti:

1. Illi huma l-proprjetarji tal-fond 85, fi Pjazza San Frangisk, Sqaq Numru 3, Hal-Qormi, bl-arja b'kollox;

2. Illi fit-18 ta' Novembru, 1986, l-istess fond inghata mill-proprjetarji b'cens ghal wiehed u ghoxrin (21) sena lil Salvatore u Dorothy Ebejer, u dan, b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel;

3. Illi fl-14 ta' Marzu, 1997, il-fond in dizamina gie rekwizizzjonat mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u allokat lil Jesmond u Carmen Abela u b'hekk il-koncessjoni enfitewtika giet ceduta favur l-istess Jesmond u Carmen Abela b'att tan-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel (mhux Zammit Maempel kif indikat fir-rikors promotur, (ara fol 1)), datat is-26 ta' Marzu, 1997;

4. Illi meta l-perjodu emfitewtiku ghalaq fl-2007 il-konjugi Abela baqghu jokkupaw l-imsemmi fond u offrew li jhallsu bhala inkwilini l-kera ta' mija u disgha u tletin Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€139.76) kull sitt (6) xhur – liema ammont ma giex accettat;

5. Illi stante li ma jissodisfawx l-estremi tal-artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimati konjugi Abela m'ghandhom l-ebda dritt jibqghu jokkupaw il-fond *de quo*;

6. Illi *nonostante* s-suespost l-istess intimati Abela baqghu jokkupaw l-imsemmi fond;

7. Illi l-istess okkupazzjoni fuq riferita ma saritx ghaliex l-imsemmija ntimati Abela kienu f'xi perikolu jew minhabba raguni ta'anzjanita`;

8. Illi r-rikorrenti lmentaw mis-suespost u mill-fatt li l-kera baqghet ma gietx awmentata mill-intimati;

9. Illi d-Dipartiment koncernat m'ghamel xejn fir-rigward u m'hu jhallas l-ebda kumpens ghat-tehid tal-fond in kwistjoni;

10. Illi *di piu`*, l-fond jinstab fi stat ta' manutenzjoni hazin hafna, anke perikolanti, ghaliex l-intimati naqsu jiehdu hsieb l-istess fond, tant li l-istess Awtorita` ntimata applikat ghall-permess biex isiru x-

xoghlijiet necessarji – liema permess gie ottenut minghajr ix-xjenza jew l-approvazzjoni tar-rikorrenti;

11. Illi l-kumpens offrut mid-Dipartiment ma jirriflettix il-valur tal-fond fis-suq illum stante li jista' jgib kera ferm ahjar minn dak offrut mill-istess Dipartiment;

12. Illi l-fond *de quo* ilu rekwizizzjonat u allura r-rikorrenti qed igorru l-piz sproporzjonat rizultanti;

13. Illi ghalhekk bl-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina qed jigu vjolati d-drittijiet tal-esponenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom u dan, kif ukoll sancit bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement jitolbu li din il-qorti:

i. Tiddikjara li bir-rekwizizzjoni fuq imsemija u bit-tehid tal-fond fuq gia` ndikat qed jigu vjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii. Tikkundanna lill-intimati biex jirrilaxxaw f'idejn ir-rikorrenti liberu u vojt il-fond fuq indikat wara li tannulla l-ordni ta' rekwizizzjoni mahrug kontra taghhom, u jekk ikun il-kaz, wara li tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, ma ghandhom l-ebda dritt li jirrisjedu fil-fond premess;

iii. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti rizultat tal-okkupazzjoni tal-fond *in dizamina* u konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif fuq inghad:

iv. Taghti kull ordni u rimedju iehor xieraq jew opportun biex tigi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom hawn lamentata, inkluz li l-intimati jigu ordnati jizgumbraw mill-fond *de quo* u anke jhallsu d-danni u l-kumpens li talvolta jista' jigi likwidat favur ir-rikorrenti;

v. Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ntimata datata l-24 ta' Marzu, 2009, li permezz taghha esponiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-Awtorita` *de quo* mhix il-legittimu kontradittur;

2. Illi r-rikorrenti jridu jressqu prova li huma l-proprjetarji tal-fond meritu tal-procedura odjerna;

3. Illi l-artikolu 12A tal-Kap 158 jipprotegi lill-intimati Abela biex fi tmiem ic-cens ikunu jistghu jibqghu fl-istess fond b'titolu ta' kera;

4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellhom jattakkaw dan l-istess provediment indikat fil-paragrafu precedenti u konsegwentement, l-Awtorita` *de quo* mhix il-legittimu kontradittur;

5. Illi l-istat tal-fond fuq riferit irid jigi ppruvat u ma kinitx l-Awtorita` li gabet il-fond fl-istat lamentat u fi kwalunkwe kaz, jezistu rimedji civili fir-rigward;

6. Illi r-rikorrenti gew offruti kera annwa ta' mitejn u disgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu, (€279.52), li rrifjutaw, u ghalhekk l-intimati Abela huma protetti mill-artikolu 12A tal-Kap 158 u tezonera lill-Awtorita` ntimata mir-responsabbilita` kostituzzjonali ndirizzata lejha mir-rikorrenti;

7. Illi jekk hemm difetti li jridu jigu rrangati dawn zgur m'humiex ta' indole kostituzzjonali;

8. Illi r-rekwizizzjoni ma taghmel ebda differenza ghar-rikorrenti stante li l-intimati Abela huma protetti *ai termini* tal-artikolu 12A tal-Kap 158;

9. Illi mhux l-ordni ta' rekwizizzjoni li qed tipprotegi lill-konjugi Abela izda l-effett tal-artikolu 12A tal-Kap 158 li tipprovdi wkoll ghal zieda fil-kera li r-rikorrenti m'accettawx u li allura, l-lanjanza tar-rikorrenti ma treggix;

10. Illi l-Gvern ghandu dritt jillegisla fl-interess pubbliku u jiddetermina u jikkontrolla l-ligijiet ta’ kera anke billi jimponi limiti fuq l-ammont ta’ kera li jkun jista’ jintalab;

11. Illi l-ammont ta’ kera kif mizjud hu xieraq u m’hemm l-ebda ksur ta’ provedimenti kostituzzjonali;
12. Illi permezz tal-artikolu 12A tal-Kap 158 il-ligi tistabbilixxi l-kera dovuta;

13. Illi jekk ir-rikorrenti ma jqisux li dan l-ammont lilhom offrut hu bizzejjed, ghandhom jattakkaw il-kostituzzjonalita` ta’ l-imsemmija ligi u fin-nuqqas, il-qorti hi marbuta bil-provedimenti tal-ligi;

14. Illi stante wkoll li r-rikorrenti accettaw il-kera mill-konjugi Abela l-intimati, dan jannulla l-allegazzjonjiet u t-talbiet tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimati konjugi Jesmond u Carmen Abela datata l-25 ta’ Marzu, 2009, li sintetikament jghidu:

1. Illi preliminarjament m’ghandhomx ikunu huma li jkunu kkundannati bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali stante li cittadin privat ma jistax ikun misjub li kiser dawn id-drittijiet ta’ terzi;

2. Illi ma kinux huma li hargu l-ordni ta’ rekwizizzjoni in dizamina;

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt, stante li l-mama` tar-rikorrenti kienet taccetta c-cens/kera li l-esponenti kienu jhallsu;

4. Illi l-intimati m’ghandhomx ibatu spejjez;

Rat it-talba tar-rikorrenti datata s-26 ta’ Novembru, 2009, li permezz taghha talbu li jinhatar perit tekniku biex jivvaluta l-proprjeta` meritu tal-procedura, u l-valur lokatizju tal-istess, (ara fol 27);

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat ukoll is-26 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu hatret il-

perit tekniku hemm indikat ghall-iskopijiet indikati fil-pararafu precedenti, (ara wkoll fol 27);

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali datat it-8 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu informa lill-qorti diversament peseduta li ghalkemm hu ma kienx parti fil-kawza *de quo*, xorta kellu nteress li jkun fiha u jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward, u talab li jintervjeni *in statu et terminis*;

Rat ir-risposti ntavolati fir-rigward;

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta fir-rigward datat it-23 ta' Frar, 2010, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-Avukat Generali fuq riferita, (ara fol 103);

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku nominat datata t-2 ta' Frar, 2010, li sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi biex jespleta l-inkarigu lilu moghti zamm access fil-fond in dizamina;

2. Illi hu jiddeskrivi l-fond *de quo* bil-mod segwenti:

i. Illi l-fond hu wiehed antik, ghandu madwar mitt (100) sena u jinkludi entrata, bitha centrali, zewgt ikmamar laterali, kamra tal-banju u kamra tas-sodda;

ii. Illi l-arja superficjali tal-istess fond hi ta' madwar mija u ghaxar (110) metri kwadri;

iii. Illi l-fond hu fi stat t'abbandun totali u ilu traskurat ghal hafna snin minghajr manutenzjoni ordinarja;

3. Illi wara li kkonsidra l-fatturi rilevanti nkluz il-lok, it-tip ta' proprjeta` u l-prezz tas-suq ta' proprjetajiet simili fl-akkwati tal-istess fond, ivvaluta li l-fond jiswa mija u disgha u tletin elf u tmien mitt Ewro, (€139,800.00);

4. Illi l-valur lokatizju tal-istess gie wkoll minnu stabbili fl-ammont t'erbat elef, tmien mija u tlieta u disghin Ewro, (€4,893.00);

5. Illi *di piu`*, fix-xhieda tieghu l-istess perit tekniku amplifika sintetikament hekk:

i. Illi min jixtri l-fond *de quo* jrid jaghmel manutenzjoni estensiva minhabba l-istat hazin tal-istess, li jigi jiswa madwar hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (ara fol 122);

ii. Illi stante li *si tratta* ta' residenza antika, din it-tip ta' proprjeta` hi mfittxija sew, (ara fol 121);

iii. Illi l-valur lokatizju jirrifletti persentagg ta' 3.25-3.5% tal-valur tal-proprjeta` minnu stabbilita u f'kaz ta' fond kummercjali dan ikun bejn 5-6% tal-istess;

iv. Illi pero`, fl-istat prezenti kif jidher mir-ritratti esebiti in atti, (ara fol 114-115), hadd m'hu ha jikri l-fond *de quo*, (ara fol 125);

v. Illi *nonostante* dan, meta perit jaghmel valutazzjon ta' post hu jrid jara l-potenzjal tal-proprjeta` in dizamina, (ara fol 125);

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti nkluz l-affidavit tal-intimat Abela;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, (ara fol 171-175), tal-Awtorita` ntimata (ara fol 178-182) u tal-Avukat Generali, (ara fol 183-186);

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti riskontrati jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi fis-16 ta’ Mejju, 1957, il-papa` tar-rikorrenti kien akkwista gnien, inkluz fih il-fond meritu ta’ din il-kawza, b’cens temporanju ghal mitt sena rinovabbli ghal mitt sena ohra;

2. Illi sussegwentement kien ikkonceda l-fond *de quo* b’sub cens temporanju ghal wiehed u ghoxrin (21) sena lil Salvatore u Dorothy Ebejer b’kuntratt datat it-18 ta’ Novembru, 1986 in atti tan-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel;

3. Illi l-fond gie rekwizizzjonat u ghadu jigi okkupat mill-intimati konjugi Abela, stante anke li l-konjugi Ebejer ittrasferew ukoll ic-cens li kellhom favur l-istess Abela;

4. Illi wara li mietu l-genituri tar-rikorrenti, l-proprjeta` tal-imsemmi fond ghaddiet ghand ir-rikorrenti;

5. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti akkwistaw ukoll id-dirett dominju temporanju tal-istess u dan, skont il-kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Sam Abela datat l-10 ta’ Gunju, 2008;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tal-fatti riskontrati jirrizulta ulterjorment is-segwenti:

1. Illi l-fond *de quo* gie rekwizizzjonat fil-31 ta’ Dicembru, 1992;

2. Illi ma nghatat l-ebda raguni ghall-hrug ta’ dan l-ordni ta’ rekwizizzjoni, (ara fol 23);

3. Illi fil-mori tal-istess ordni indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta wkoll li nbidel l-inkwilin, (ara fol 24);

4. Illi fid-dokumentazzjoni tal-Awtorita` ntimata ma jirrizultax li hemm xi rapport rigwardanti l-istat tal-proprjeta` in dizamina;

5. Illi meta fl-1992 inhareg l-ordni ta' rekwizizzjoni kien jokkupa l-post Salvatore Ebejer li sussegwentement " … telaq minn dan il-post u ssubletja c-cens temporanju …", (ara fol 130), lill-intimati Abela;

6. Illi meta gie biex jiskadi c-cens temporanju fl-2007, ir-rikorrenti ma ridux jirrikonoxxu lill-intimati Abela u lanqas riedu " … jaqlibulhom kera u jirduppjaw", (ara fol 130);

7. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni ghadha vigenti;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost jirrizulta assodat is-segwenti:

1. Illi l-fond *in dizamina* hu fi stat ta' dilapidazzjoni u mhux tajjeb ghall-abitazzjoni, (ara ritratti a fol 115)), u in effetti lanqas jidher li hu abitat, stante li l-perit tekniku jsostni li effettivament "il-fond jinsab fi stat ta' abbandun totali", (ara fol 111);

2. Illi *nonostante cio*`, l-ordni ta' rekwizizzjoni mahrug fil-31 ta' Dicembru, 1992, ghadu vigenti u effettiv – haga li tissupera kull logika u li bl-ebda mod ma giet spjegata mill-intimati;

3. Illi in effetti anke l-istess intimat Jesmond Abela jonqos li jitfa' dawl f'dan ir-rigward stante li fl-affidavit tieghu jitkellem biss rigward ic-cens li hu akkwista b'kuntratt datat is-26 ta' Marzu, 1997, u li sussegwentement beda jhallas il-kera ghall-istess, liema kera kienet giet rifjutata mir-rikorrenti u ghalhekk, kien kostrett jiddepozita l-ammonti in kwistjoni fir-registru tal-qorti;

4. Illi l-istess intimat inspjegabbilment jinvoka l-gustizzja biex ma jitkecciex minn fond li mhux fih! (ara fol 144);

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk rezakont tal-fatti esposti juru is-segwenti:

1. Illi kien hemm kuntratt bejn missier ir-rikorrenti u l-konjugi Ebejer fejn ta' l-ahhar inghataw ic-cens temporanju ghall-perjodu fuq indikat tal-fond *de quo*;

2. Illi tul l-istess perjodu l-intimati Abela nghataw is-subcens rimanenti mill-koppja Ebejer;

3. Illi fil-frattemp il-fond gie rekwizizzjonat fl-1992;

4. Illi l-intimati Abela jibqghu jsostnu li ma jirrilaxxawx l-imsemmi fond, qalbu, skont il-ligi, ic-cens f'kera, u meta din giet rifjutata mir-rikorrenti, iddepozitaw l-ammonti dovuti l-qorti;

5. Illi fil-frattemp ukoll, *nonostante* li muniti bl-informazzjoni li l-intimati mhux jabitaw fil-fond rekwizizzjonat, u effettivament abbandunaw l-istess fond ghall-elementi, l-Awtorita` ntimata xorta halliet ir-rekwizizzjoni hajja u addirittura qed tippartecipa b'robustezza fl-azzjoni odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-Awtorita` *de quo* hi tenuta tagixxi fl-interess pubbliku u ghalhekk esklussivament ghall-gid komuni li fil-fattispeci in dizamina jfisser li hi tista' biss tezercita l-fakolta` taghha li tirrekwizizzjona proprjeta` mill-proprjetarji legittimi taghha unikament f'kaz li dan il-pass jittiehed ghall-gid komuni – senjatament, meta fil-kaz in dizamina, dan isir biex il-fond hekk rekwizizzjonat jitqieghed ghad-dispozizzjoni ta' familja digenti – haga li bl-ebda mod ma giet hawn pruvata;

Illi tenut kont tas-suespost ma jistax ghalhekk ma jsirx referenza ghal dak ritenut minn Santu Wistin:

"Justice removed, then, what are kingdoms but great bands of robbers?" (Augustine: The City of God against the Pagans, Edited by R.W. Dyson, p.147);
Ikkunsdirat:

Illi mid-dokumentazzjoni esebita, jirrizulta assodat li r-rikorrenti huma l-proprjetarji legittima tal-fond *de quo*, fond li ghadda ghandhom mill-genituri taghhom li kienu jircievu wkoll ic-cens mic-censwalisti *de quo*;

Illi *in oltre* anke korrispondenza tal-istess Awtorita` tirrikonoxxi lill-istess rikorrenti bhala proprjetarji legittimi tal-istess;

Ikkunsidrat:

Illi *nonostante* li jirrizulta li l-intimati Abela, ghalkemm qed jinsistu fuq id-drittijiet li jatihom l-ordni ta' rekwizizzjoni *in dizamina*, u dan, konguntivament mal-artikolu 12A tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, xorta wahda jibqa' jippekka fil-legittimita` ghaliex m'humiex jitulizzaw l-istess fond kif tenuti, anzi minflok hallewh jiddeterjora bl-aktar mod ingustifikat;

Illi l-iskop ghall-ezistenza tal-istitut tar-rekwizizzjoni mhux li jipprotegi fond biex jigi abbandunat u rez inabitabbli bil-hsarat u hmieg riskontrat kif jirrizulta fir-rapport peritali pprezentat in atti – stat li *del resto* hi responsabbli ghalih l-istess Awtorita` li bis-sahha tar-rekwizizzjoni ssir hi responsabbli ghall-inkolumita` strutturali tal-fond minnha rekwizizzjonat, (ara **Cassar vs Zammit: qorti tal-Appell, datata 29 ta' Mejju, 1959**);

Ikkunsidrat:

Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina ghalhekk, ghalkemm setghet tigi meqjusa applikabbli meta harget fl-1992, zgur li ma tirrizultax li hi gustifikabbli ghall-fatti kif fuq esposti meta jirrizulta assodat li l-fond *de quo* gie

abbandunat mill-intimati Abela u rez fi stat ta' manutenzjoni dizastruza;

Ikkunsidrat:

Illi *di piu`*, hu *ormai* ukoll pacifiku, anke fl-isfond tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali li f'ordni ta' rekwizizzjoni ma jinzammx bilanc bejn l-interessi tas-sid u l-interess pubbliku u allura d-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta` mis-sid jigi lez;

Illi kif irriteniet l-istess qorti fi **Fleri Soler et vs Malta, tas-26 ta' Settembru, 2006**, l-Awtorita` naqset tilhaq dak il-bilanc necessarju bejn dawn l-interessi kontrapposti u kkonkludiet ghalhekk li kien hemm ksur ta' l-artikolu 1 tal-Protokol numru 1 tal-Konvenzjoni *de quo* ghaliex:

" … there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the state … a "fair balance" ";

Illi kif ukoll hemm ritenut f'**Ghigo vs Malta tas-26 ta' Settembru, 2006**:

" … a disproportionate and excessive burden has been imposed on the applicant. The latter had been requested to bear most of the social and financial costs of supplying housing accommodation …";

Illi wkoll fid-dawl ta' dan, ghandu jinghad li fil-kaz odjern ir-rekwizizzjoni in dizamina lanqas biss tilhaq dan ir-rekwizit tas-" … *supplying housing accommodation* …" stante li l-istess intimati Abela protetti bl-imsemmi rekwizizzjoni addirittura abbandunaw l-istess fond u hallewh jiddeterjora;

Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti ma tifhimx kif ma rrevokatx din il-protezzjoni socjali li qed takkorda lill-istess intimati li bl-abbandun taghhom fuq riferit, qed jigbdu maghhom lill-Awtorita` ntimata biex flimkien jipperpetraw

ingustizzja immana fil-konfront tar-rikorrenti li din il-qorti bl-ebda mod ma tista' tikkondona;

Illi *di piu`*, *oltre* li l-proprjeta` tar-rikorrenti qed tiddeterjora b'pass mghaggel li eventwalment trid tigi ripristinata fi stat abitabbli bid-dispendju ta' fondi ngenti kif indikat mill-perit tekniku li facilment setghu jigu evitati kieku l-Awtorita` ntimata verament zammet idejha fuq il-polz tas-sitwazzjoni – haga li tidher li m'ghamlitx;

Ikkunsidrat:

Illi *di piu`*, id-diskrepanza riskontrata bejn il-kera offruta mill-intimati a bazi tal-artikolu 12 tal-Kap 158, u l-valur lokatizju attwali stabbilit mill-perit tekniku nominat, hu ghal kollox nieqes mill-proporzjonalita` rikjesta mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea *in dizamina*;

Illi l-*onus* tal-Awtorita` hu li tespleta l-inkarigu taghha skont il-ligi fl-interess pubbliku u mhux li akkost ta' kollox tiddefendi pozizzjoni indifensibbli stante l-agir tal-intimati Abela fir-rigward kif fuq indikat;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti tqis li d-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta` tar-rikorrenti Edward u Cynthia Zammit Maempel, gew intakkati u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-intimati Awtorita` tad-Djar u ta' Jesmond u Carmen konjugi Abela:

1. Tiddikjara li bl-ordni ta' rekwizizzjoni li ggib in-numru RO 53704 rigwardanti l-fond numru 85, fi Pjazza San Frangisk, Sqaq Numru 3, Hal-Qormi, bl-arja b'kollox qed jigu vjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Edward u Cynthia ahwa Zammit Maempel, u dan, bi vjolazzjoni ta' artikolu 1 tal-Protokol Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq indikata u li ghalih hi responsabbli l-Awtorita` ntimata;

2. Tikkundanna lill-intimati Awtorita` tad-Djar u Jesmond u Carmen konjugi Abela biex jirrilaxxaw f'idejn ir-rikorrenti fuq indikati l-imsemmi fond indikat fil-paragrafu

precedenti liberu u vojt, u konsegwentement qed tiddikjara wkoll li l-ordni ta' rekwizizzjoni fuq indikat hu null;

3. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti ahwa Zammit Maempel rizultat tal-istess okkupazzjoni in vjolazzjoni tal-imsemmi dritt fundamentali fl-ammont ta' hamsin elf Ewro, (€50,000.00), biex b'hekk tigi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali fuq riferita;

4. Tikkundanna lill-Awtorita` tad-Djar intimata biex thallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti ahwa Zammit Maempel;

5. Tordna wkoll li l-intimati Abela jigu zgumbrati mill-fond *de quo* fi zmien xahar mid-data tas-sentenza;

6. Bl-ispejjez kontra l-intimati Awtorita` tad-Djar u konjugi Abela.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------